**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2019**

**Rikors nru: 434/2019 AGV**

**AB ( ID nru: 0105283 M)**
**Vs**
**CDE ( ID nru : 0527385M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB, fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit- 18 ta' Gunju 2011, kopja tac-certifkat taz-zwieg hawn anness , immarkat bhala Dok A . Illi minn daz-zwieg huma ma kellhomx tfal.
2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Elisabeth Schiriha li gie ippubblikat fid- 9 ta' Gunju 2016, liema kopja hija hawn annessa u mmarkat bhala Dok. B u qed jigi pprezentat in animo ritirandi;

3. Illi minkejja lill-partijiet isseperaw legalment inqas minn 4 snin ilu, huma ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf minn Jannar 2015, u dana peress li hija kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix lura ghand ommha. Illi ghalhekk ilhom separati globalment de facto u de jure ghal erba’ snin u disa’ xhur.
4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lil xulxin u dan kif indikat skont il-klawzola numru tlieta (3).
5. Illi l-partijiet prezentament jghixu’ l boghod minn xulxin u r-rikorrenti ma jridx jirrikoncilja maghha, u ghaldaqstamt ma hemm l-ebda prospett ragenveoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
6. Illi r-rikorrenti jaf b’ dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok. C;
7. Illi minn dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili,Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
8. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Il-Qorti rat ir-risposta ta’ CDE, tal- 31 ta’ Ottubru 2019, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi fl-ewwel lok jinghad mhux konestat li l-partijiet isseperaw permezz ta' kuntratt pubbliku nahar id- 9 ta' Gunju 2016, in atti tan-Nutar Elisabeth Schiriha.
2. Illi lanqas m' huwa ikkontestat illi l-partijiet ilhom jghixu hajja totalment separata minn xulxin, u cioe' minn Jannar 2015.
3. Illi l-esponenti ma ghandha ebda oggezzjoni ghat-talbiet hekk kif maghmulna mir-rikorrenti fir-rikors tieghu, ghajr ghal dak li jikkoncerna l-ispejjez ta' dina l-kawza stante illi l-esponenti umilement temmen li kull parti, ghandha iggorr responsabilita' u tbati l-ispejjez minnha maghmula ghall-ottjeniment ta' dad-divorzju;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**